Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 146/14**
Il-Lussemburgu, 11 ta' Novembru 2014

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-333/13
Elisabeta Dano, Florin Dano vs Jobcenter Leipzig

# Iċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi li jiċċaqilqu fi Stat Membru ieħor bl-uniku skop li jibbenefikaw mill-għajnuna soċjali jistgħu jiġu esklużi minn ċerti benefiċċji soċjali

Fil-Ġermanja, il-barranin li jidħlu fit-territorju nazzjonali biex jiksbu l-għajnuna soċjali jew li d-dritt ta' residenza tagħhom huwa derivanti biss mill-għan ta' tiftix ta' impjieg huma esklużi mill-benefiċċji tal-assigurazzjoni bażika ("Grundsicherung"), li huma b'mod partikolari intiżi biex jiżguraw l-għajxien tal-benefiċjarji.

Il-qorti soċjali ta' Leipzig (il-Ġermanja) għandha quddiemha kawża bejn, minn naħa, żewġ ċittadini Rumeni, Elisabeta Dano u binha Florin u, min-naħa l-oħra, il-Jobcenter Leipzig, li rrifjuta li jagħtihom benefiċċji tal-assigurazzjoni bażika [1]. E. Dano ma daħlitx fil-Ġermanja biex tfittex xogħol hemmhekk u, għalkemm hija titlob il-benefiċċji tal-assigurazzjoni bażika rriżervati għall-persuni li qegħdin ifittxu impjieg, mill-proċess jirriżulta li hija ma hijiex qegħdha tfittex xogħol. Hija ma għandhiex kwalifika professjonali u sa llum għadha ma eżerċitatx attività professjonali la fil-Ġermanja u lanqas fir-Rumanija. Hija u binha ilhom jgħixu fil-Ġermanja mill-inqas minn Novembru 2010 fejn jgħixu għand oħt E. Dano, li tipprovdi l-ikel tagħhom. E. Dano tirċievi, għal binha, benefiċċji għat-tfall f'ammont ta' EUR 184 kif ukoll ħlas bil-quddiem ta' manteniment fl-ammont ta' EUR 133 fix-xahar. Dawn il-benefiċċji ma humiex indiskussjoni f'din il-kawża.

B'risposta għad-domandi tal-qorti soċjali ta' Leipzig, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fis-sentenza tagħha llum li, biex ikun jista' jkollhom aċċess għal ċerti benefiċċji soċjali (bħall-benefiċċji Ġermaniżi tal-assigurazzjoni bażika), iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra jistgħu jinvokaw ugwaljanza fit-trattament maċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti biss jekk ir-residenza tagħhom tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva "ċittadin tal-Unjoni" [2].

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont id-Direttiva, l-Istat Membru ospitanti ma huwiex obbligat li jagħti benefiċċju ta' assistenza soċjali matul l-ewwel tliet xhur ta' residenza.

Meta t-tul tar-**residenza jkun itwal minn tliet xhur iżda inqas minn ħames snin** (il-perijodu inkwistjoni f'din il-kawża), id-Direttiva tissuġġetta d-dritt ta' residenza b'mod partikolari għall-fatt li l-persuni ekonomikament inattivi **għandu jkollhom riżorsi proprji suffiċjenti**. B'hekk, id-Direttiva trid tipprekludi liċ-ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi milli jużaw is-sistema ta' protezzjoni soċjali tal-Istat Membru ospitanti biex jiffinanzjaw il-mezzi ta' għajxien tagħhom. B'hekk, Stat Membru għandu jkollu l-possibbiltà li jirrifjuta l-għoti ta' benefiċċji soċjali lil ċittadini tal-Unjoni ekonomikament inattivi li jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom bl-uniku skop li jibbenefikaw mill-għajnuna soċjali ta' Stat Membru ieħor minkejja li ma jkollhomx riżorsi suffiċjenti biex jippretendu dritt ta' residenza; f'dan ir-rigward, kull każ individwali għandu jiġi eżaminat mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-benefiċċji soċjali mitluba. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja

[1] Dan huwa, għal E. Dano, il-benefiċċju tal-manteniment ("existenzsichernde Regelleistung") u, għal binha, il-benefiċċju soċjali ("Sozialgeld") kif ukoll il-parteċipazzjoni fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni u ta' tisħin.
[2] Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

tiddeċiedi li d-Direttiva "ċittadin tal-Unjoni" u r-Regolament dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [3] ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra mill-benefiċċju ta' ċerti "benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus" [4], filwaqt li dawn jiġu żgurati liċ-ċittadini nazzjonali li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, sa fejn dawn iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra ma jkunux jibbenefikaw minn dritt ta' residenza abbażi tad-Direttiva fl-Istat Membru ospitanti.

Finalment, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li r-Regolament dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ma jirregolax il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus. Peress li din il-kompetenza tappartjeni lil-leġiżlatur nazzjonali, dan tal-aħħar huwa wkoll kompetenti biex jiddefinixxi l-firxa tal-kopertura soċjali żgurata minn dan it-tip ta' benefiċċju. Konsegwentement, bl-iffissar tal-kundizzjonijiet u tal-firxa tal-għoti tal-benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus, l-Istati Membri ma jimplementawx id-dritt tal-Unjoni, b'tali mod li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma tapplikax.

F'dak li jikkonċerna lil E. Dano u binha, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li dawn ma għandhomx riżorsi suffiċjenti, b'mod li ma jistgħux jinvokaw dritt ta' residenza fil-Ġermanja abbażi tad-Direttiva "ċittadin tal-Unjoni". Għalhekk, huma ma jistgħux jinvokaw il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit mid-Direttiva u mir-Regolament dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali.

---

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati ta' Stati Membri, fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jressqu domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tiddeċidix il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li tiddeċiedi l-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li titressaq quddiemhom problema li tixxiebah.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-ġurnata li fiha tingħata s-sentenza.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Xeni tal-għoti tas-sentenza jinsabu fuq "Europe by Satellite" ☎ (+32) 2 2964106*

---

[3] Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010, tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, p. 35). (1) Dan ir-regolament ma japplikax għall-assistenza soċjali (għandu jiġi nnotat li dan il-kunċett huwa iktar strett minn dak tad-direttiva "ċittadin tal-Unjoni"). (8) Madankollu, dan japplika parzjalment għall-"benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus" li għandhom il-karatteristiċi kemm tas-sigurtà soċjali u tal-assistenza soċjali u li huma ffinanzjati esklużivament minn kontribuzzjonijiet fiskali ġenerali. (10, 11) F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament stabbilit bir-Regolament japplika għal dawn il-benefiċċji. (9, 55)

[4] Għall-Ġermanja, ir-Regolament isemmi b'mod partikolari l-benefiċċji li huma intiżi biex jiżguraw mezzi ta' għajxien abbażi tal-assigurazzjoni bażika għall-persuni li qed ifittxu xogħol. (11) Il-qorti soċjali ta' Leipzig ikkwalifikat il-benefiċċji inkwistjoni bħala "benefiċċji speċjali mhux kontributorji u li jingħataw fi flus". (47)